**12 ta' Frar, 1996**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**

Joseph Cassar

*versus*

Air Malta Co. Ltd.

**Atti Ġudizzjarji - Lingwa ta' Redazzjoni ta'**

*Bħala Qorti ta' l-Appell mit-Tribunal tat-Talbiet Żgħar, irrevokat sentenza ta' l-ewwel istanza li ddikjarat irritu u null avviż ta' l-attur għaliex redatt bil-lingwa Ingliża u ordna lill-attur jissostitwih b'wieħed bl-ilsien Malti.*

Il-Qorti:-

Rat l-appell minn din is-sentenza tat-Tribunal għat-Talbiet Żgħar:

"It-Tribunal qara l-att ta' l-avviż fl-ismijiet premessi;

Ħa konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet issollevati mill-konvenut *nomine*;

Wara li ġie trattat il-punt tan-nullita` minħabba li l-avviż ġie redatt bil-lingwa Ingliża;

Ikkunsidra illi l-att kellu jiġi redatt bil-lingwa Maltija kif inhu stabbilit bil-Liġi;

Għaldaqstant qed tiġi akkolta l-eċċezzjoni tan-nullita` ta'l-avviż bl-ispejjeż tar-Reġistru rigwardanti l-istess a kariku ta' l-attur u qed tiddikjara l-istess avviż irritu u null";

Billi llum iddeċidiet meritu simili f'appell ieħor fl-ismijiet **Aldina Cassar *vs* Air Malta Co. Ltd.** (SCT 2/95) hi qiegħda tiddisponi minn dan l-appell fuq l-istess konsiderazzjonijiet li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell fis-sens li tirrevoka s-sentenza appella, in kwantu ddikjarat il-proċeduri irriti u nulli, tordna li l-proċeduri kollha quddiem it-Tribunal għat-Talbiet Żgħar għandhom jinbdew b'avviż bl-ilsien Malti, u għal dan il-fini tordna lill-attur li, fi żmien ħmistax mil-lum, jissostitwixxi l-avviż li għamel bl-ilsien Ingliż b'wieħed bl-ilsien Malti ppreżentat b'Nota fir-Reġistru ta' dak it-Tribunal, liema Avviż għandu jiġi nnotifikat lill-konvenut li jkollu żmien skond il-liġi biex jikkontesta t-talba;

L-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu, fiċ-ċirkostanzi, a karigu ta' l-appellanti.